**26 ta' Novembru, 1964**

**Imhallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D**

Lawrence Cachia Zammit noe

*versus*

Natale Falzon

**Titolu esekuttiv — liberatio ab observantia judicii — Art. 251 (b) u 254, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-kreditur illi jkollu kreditu naxxenti minn kuntratt m'għandux għalfejn jipproċedi għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu permezz ta' ċitazzjoni galiex il-kuntratt stess huwa titolu esekuttiv. Però, jekk fil-fatt il-kreditur jaġixxi permezz ta' ċitazzjoni l-konsegwenza ma tkunx illi l-proċedura segwita tkun irritwali, u, bħala tali, twassal għal-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta li b'kuntratt fl-att tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1963, il-konvenut ħa mingħand il-Bank attur b'titolu ta' self is-somma ta' ħames mitt lira (£500) għall-ispejjeż ta' mano d'opera u materjal li għandhom jiġu wżati fit-tiswijiet u fil-lukanda "Solemar" il-Marfa, u iddelega lill-istess Bank li jħallas dik is-somma għall-iskop ġa indikat, kontra mandati tal-perit inkarigat; u illi l-Bank tah għalhekk, fis-sittax (16) ta' Diċembru, 1963 ħamsin lira (£50); fit-tmintax (18) ta' Diċembru, 1963 mija u erbgħa u għoxrin lira (£124), fl-għoxrin (20) ta' Diċembru, 1963 tmenin lira (£80), fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru, 1963, mija u tnejn u għoxrin lira (£122) u fid-disgħa (9) ta' Jannar, 1964, mija u tnax-il lira, ħames xelini u tmien soldi (£122.5.8d) b'kolox erba' mija u tmienja u tmenin lira, ħames xelin u tmien soldi (£488.5.8d); u illi l-konvenut obbliga ruħu li jirrestitwixxi s-somma imsemmija b'rati mensili ta' sebgħin lira (£70) l-ewwel pagament kellu jsir fl-erbatax (14) ta' Marzu, 1964 u ma kull pagament kellu jikkorrispondi l-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont dovut, regolabbili a scaletta; u li ġie stipulat li jekk il-konvenut jonqos fil-ħlas ta' żewġ pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti għal żewġ pagamenti, il-Bank ikollu d-dritt jitlob ir-restituzzjoni tas-somma kollha jew il-bilanċ dovut immedjatament, u li l-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess b'dan l-att billi huwa qatt ma għamel ebda pagament mensili

kif pattwit; talab li — premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun — il-konvenut 1) jiġi dikjarat li ddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu konċess bl-imsemmi kuntratt tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1963 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut u konsegwentement 2) jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' erbgħa mija u tmienja u tmenin lira ħames xelini u tmien soldi (£488.5.8d.) bl-imgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq kull wieħed mill-ammonti middata li ġew mogħtija. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu, 1964.

Omissis.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu, u d-dokument eżibit maċ-ċitazzjoni;

Ikkunsidrat:

Omissis.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuq il-fatti, fis-sens li l-konvenut ħa l-ammonti ndikati mill-attur u li m'għamilx l-akkonti li kellu jagħmel u kwindi, skond il-ftehim, iddekada mill-benefiċċju tat-terminu lilu akkordat. Infatti l-konvenut fl-eċċezzjonijiet tiegħu u anke fit-trattazzjoni orali semma biss li l-kuntratt setgħa u jiġi res esekuttiv b'risparmju ta' spejjeż u għalhekk l-proċedura saret ħażin: dana nfatti jfisser li verament il-fatti ġraw kif allegati mill-attur u kwindi l-konvenut inkorra fid-dekadenza miftehma;

Illi għalkemm il-konvenut ma speċifikax il-proċedura li għaliha għamel riferenza, hu ovvju li kien qiegħed jalludi għall-proċedura traċċjata fl-artikolu 254(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili peress li l-kreditu tal-attur nomine ġej minn att notarili li skond l-artikolu 251 (b) ta' dik il-liġi hu titolu eżekuttiv.

Hu evidenti *però li*, anke kieku dina s-sottomissjoni kienet aċċettabbli, il-konsegwenza ma kienitx tkun li l-proċedura segwita mill-attur nomine *tkun irritwali* li, bħala tali, twassal għal-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju iżda, se mai, skond ġurisprudenza *li* m'hix però uniformi (ara Vol. XXXI, iii, 217), li l-attur nomine jbati l-ispejjeż żejda li jkun ipprovoka bl-istess ġudizzju meta seta' *jinqeda* bi proċedura anqas dispendjuża. L-eċċezzjoni opposta għalhekk ma tistax *qatt tiġi sostnuta* u *għandha tiġi respinta*;

*Illi* kwantu għall-applikabilità tad-dispost *tal-Artikolu* 251(b) preċitat, sottomess mill-konvenut li japplika, hu ovvju li dina t-teżi hija insostenibbli billi d-debitu tal-konvenut ma' kienx kollu skadut iżda kien hemm lok li jiġi dikjarat hekk skadut imħabba l-ftehim stipulat mal-attur nomine li hu ma esegwix; kien għalhekk dejjem neċessarju li l-attur nomine jirrikorri lill-Qorti biex ikollu din d-dikjarazzjoni, li fil-fatt tifforma l-ewwel talba attriċi fiċ-ċitazzjoni, u l-proċedura msemmija mill-konvenut ma setgħetx tiġi segwita għall-ammont kollu li l-attur kien intitolat u ried jitlob mingħand il-konvenut;

Illi taħt dawna ċ-ċirkostanzi, la darba ċioè ir-rikors lill-Qorti kien meħtieġ almenu relattivament *għall-parti tal-ammont* dovut, lanqas ma tista' tiġi nvokata favur il-konvenut dik ir-raġuni ta' ekwità a bażi tal-ġurisprudenza *li* għaliha saret riferenza l-iżjed beninja lid-debitur, billi kontra dik ir-raġuni tiġi timmilita l-oħra tal-prattiċità u anke urriċità tal-azzjoni *li* jrid jagħmel il-kreditur; b'mod li dan ma jkunx qiegħed jikkaġuna spejjeż kapriċċjosament u kwindi ebda użu ħażin m'hu jagħmel (jekk hekk jista' jitqies li jkun jagħmel f'każi oħrajn) tad-dritt li għandu li jaġixxi ġudizzjarjament għal dak li għandu jieħu, billi dan ma ġiex imneħħi bl-emendi apportati bl-ordinanza IX tal-1886. Strettament għall-parti tad-debitu mhux skadut skond il-kuntratt u li l-attur nomine jista' jitlob imħabba d-dekadenza dikjarata bis-sentenza, hija din li tkun

qegħda tiġi esegwita u mhux il-kuntratt għalkemm fit-termini ta' dan sless;

Għal dawna l-motivi:—

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' irritwalità opposta mill-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine; l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut.